MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru. 1381/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Spettur Jason F Sultana**

**vs**

**Christian Bugeja**

**Donna Marie Stone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’

**Donna Marie Stone** ta' 19 –il sena bint Philip Patrick u Maria Dolores nee' Bugeja, imwielda Pieta' fit-30 ta' Marzu, 1992, residenti gewwa 110 Triq Pietru Pawl Caruana Bormla, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 177292(M); u

**Christian Bugeja** ta' 37 sena bin Costantino Bugeja u Helen nee' Vidal, imwieled Pieta' fis-16 t' April, 1974, residenti gewwa Binja Vista, Ent F, Flat 3, Triq Dom Mawro Inguanez, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 227274(M).

Akkuzati talli nhar il-11 ta' Dicembru, 2011 ghal habta ta' l-10:30 gewwa Tulip Flats, Flat 4, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex kellhom fil-pussess taghhom Droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluza Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kinitx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluza (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzati ukoll talli fil-11 ta' Dicembru, 2011 u fil-granet qabel gewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex jew f' xi inhawi ohra f' dawn il-Gzejjer xjentement ghexu ghal kollox jew parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni;

Akkuzati ukoll talli ikkommettew reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn kienu misjuba hatja li kkommettew reati u gew kkundannati;

Il-Qorti giet gentilment mitluba tqis lil Donna Marie Stone u Christian Bugeja bhala recidivi ta' diversi sentenzi a tenur ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil **Donna Marie Stone** wahedha :

Akkuzata ukoll talli fix-xahar ta' Dicembru, 2011 u fil-granet ta' qabel gewwa u nhawi f' Ta' Xbiex f' xi triq jew f' post iehor pubbliku jew f' xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta' Lulju, 2013 (esebita a fol. 153 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fil-konfront ta' l-imputat Christian Bugeja:

(a) Fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' l-imputata Donna Marie Stone:

(a) Fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta
(d) Fl-Artikoli 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 t' Ottubru, 2013, l-imputati iddikjaraw li m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi;

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Marzu 2014 l-imputata Donna Marie Stone ammettiet l–imputazzjonijiet skond l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-25 ta' Lulju 2013.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Rat il-Pre-Sentencing Report imhejji in kwantu jirrigwarda l-imputata Donna Marie Stone inserit a fol. 112 et sequitur tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-11 ta' Dicembru 2011 sar rapport minn certu Patrick Sciberras fl-Ghassa tal-Imsida fejn huwa sostna li ftit tal-hin qabel, ghall-habta tal-10.00am kien mar fi Triq Testaferrata, l-Gzira fejn kien hemm l-imputata Donna Marie Stone fil-bieb ta' blokk flats u huma ftehemu li jkollhom atti sesswali flimkien u li huwa kellu jhallasha 20 Ewro. Malli huma telghu fl-appartament taghha u dahlu f' kamra tas-sodda Sciberras gholla s-sodda sabiex jara hemmx xi hadd tahtha u l-imputata bdiet tghajjat. Skond ma tghid Stone Sciberras beda' wkoll jinstabat mal-

gwardarobba u hija ndunat li kien xurban u bdiet tghajjat u dak il-hin habbat il-bieb u Sciberras telaq minn fuq il-post. Sciberras isostni li malli Stone bdiet tghajjat dahal guvni li ppuntalu pistola u huwa tah i-15 il-Ewro li kellu fuqu u telaq il-barra. Meta l-Pulizija marru fuq l-post sabu lill-imputat Christian Bugeja fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBN 437 fi Triq Testaferrata u lil Donna Marie Stone fil-bieb tal-komun tal-flats fejn kien sar l-incident ma’ Sciberras. Wara li saret tfittxija kemm fil-vettura kif ukoll fl-appartament in kwistjoni fejn ma nstabet l-ebda pistola izda nstabu zewg siringi fil-handbag ta’ Stone, iz-zewg imputati gew arrestati u huma rrilaxxjaw l-istqarrijiet nseriti a fol. 11 u 12 u a fol. 103 u 104 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga’ gie ndikat aktar il-fuq l-imputata Donna Marie Stone ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha skond l-artikoli tal-ligi ndikati fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali. Mill-provi u senjatament mix-xhieda ta’ Patrick Sciberras u mill-istqarrija minnha rilaxxjata jirrizulta minghajr dubju li hija kienet qed tghix minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni u li hija kienet qed titlajja ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni f’ Testaferrata Street. Mill-kopja tas-sentenza nserita a fol. 105 tal-atti processwali jirrizulta inoltre li l-istess imputata Stone ikkommettiet reat waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza u hija sejra ghalhekk tigi misjuba hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

In kwantu jirrigwarda l-piena fil-konfronti tal-mputata Donna Marie Stone il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kontenut tal-Pre-Sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Marilyn Formosa fejn din spjegat dwar l-izvolta kbira l kien hemm fil-hajja tal-imputata Stone fil-mori ta’ dawn il-proceduri fejn hija bidlet hajjitha kompletament, sabet xoghol fiss u stabbilit kuntatt mal-familjari taghha li qed jghinuha fit-trobbija ta’ uliedha. Fid-dawl ta’ dan kollu l-Probation Officer irrakomandat li jinhareg Ordni ta’ Probation u li jigi estiz l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza tas-6 ta’ April 2011 ai termini tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali. In vista tal-fatt li dan il-perjodu operattiv skada fis-6 ta’ April 2013 din il-Qorti ma tistax terga’ testendi dan il-perjodu operattiv izda sejra minflok tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28B(2)(a) u ser tastjeni milli taghmel ordni bis-sahha tas-sub artikolu (1) u dan fid-dawl tal-kambjamenti li ghamlet l-imputata f’ hajjitha fejn ghazlet li ssib xoghol fiss u tiehu hsieb it-trobbija ta’ uliedha u tabbanduna t-triq tal-prostituzzjoni. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li jkun fl-ahjar interess kemm tal-imputata kif ukoll tas-socjeta’ in generali li hija tkompli tinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex tibqa’ fuq it-triq it-tajba u l-Qorti sejra ghalhekk tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 fil-massimu.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputat Christian Bugeja l-Avukat Generali indika li tista’ tinstab htija fil-konfronti tieghu taht dak li hemm

mahsub fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 63 kif ukoll taht l-Artikoli 28A u B, 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali.

Mill-provi rrizulta li meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu lill-imputat Christian Bugeja jistenna' fil-vettura tieghu f' Testaferrata Street u fl-istqarrija minnu rilaxxjata huwa kkonferma li kien qed jistenna' lil Stone barra u li meta dahal sabiex jara x' gara ghaliex sema' l-ghajjat sab lir-ragel li kien dahal ftit qabel niezel it-tarag u huwa zammu sakemm ivverifika li Stone ma kien gralha xejn u mbaghad hallih jitlaq. L-imputat qal li dan ir-ragel spjegalu li waqt li kien fuq kien hemm ragel iehor li ppuntalu pistola. L-imputat qal ukoll li r-ragel li waqqaf fit-tarag kien offrielu l-flus izda huwa rrifjutahom. Wara li l-Qorti rat ix-xhieda moghtija minn Patrick Sciberras setghat tikkonstata li huwa semma zewgt irgiel li kkonfrontawh u fl-ebda hin ma identifika lill-imputat bhala wiehed minn dawn iz-zewgt irgiel u inoltre huwa l-anqas ma indika liema miz-zewgt irgiel hadlu l-15 il-Ewro. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ma jistax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Christian Bugeja kien qed jghix minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni. Huwa ghalhekk sejjer jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-25 ta' Lulju 2013 u senjatament l-Artikoli 7(1) u 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 28A u 28B, 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-mputata Donna Marie Stone hatja tal-imputazzjonijiet

kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta tlett (3) snin millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Christian Bugeja mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------